KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 28–IL-ĠIMGĦA 24TA' FRAR 2017**

**LAQGĦA B'URĠENZA**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħarmis-19:00 sas-20:05.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | ViċiSindku |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier (mis-19:10) |
| | Malcolm Agius | Segretarju Eżekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| Assenti b'Apoloġija: | Stephen Cremona | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| Assenti: | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier |

*Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.*

1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillier Cremona infurmah li ma jistax jattendi minħabba *short notice*.

2. APPLIKAZZJONI PA 05374/08 SITE AT TRIQ IS-SARDIN, BURMARRAD, L/O ST PAULS BAY

2.1 Is-Sindku spjegat li l-Kunsill qed jintalab jiddiskuti din l-applikazzjoni peress li ser issir seduta tal-Bord ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar nhar il-Ħamis 2 ta' Marzu. Il-Kunsill għandu vot waqt din is-seduta.Is-Sindku nfurmat li saret talba lill-PA, mill-Kunsill, biex il-laqgħa ssir iktar tard matul ix-xahar ta' Marzu iżda ġiet infurmata li l-Kunsill ma jistax jagħmel tali talbiet.

2.2 Il-Kunsillier Bugeja staqsa jekk il-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad kienx involut f'din id-diskussjoni.

2.3 Is-Sindku qalet li l-President tal-KAB irċiviet l-Aġenda bħal kull kunsillier u għalhekk kienet taf b'din il-laqgħa.

2.4 Il-Kunsillier Bugeja qal li jidhirlu li l-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad kellu jkun infurmat b'mod separat mill-Kunsill dwar din l-applikazzjoni.

2.5 Fis-19:10 wasal il-Kunsillier Piscopo

2.6 Il-Kunsillier A.Grima staqsa jekk din l-applikazjzoni li hija ODZ hijiex aċċettata bil-policies maħruġa preżentament mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Qal ukoll li fl-opinjoni tiegħu kellna nitolbu l-parir tal-Perit tal-Kunsill.

2.7 Il-Kunsillier D. Grima staqsa jekk ir-roof garden hux ser ikun pubbliku jew privat. Issuġġerixxa li tintalab garanzija bankarja.

2.8 Il-Kunsillier Bugeja qal li l-kunsill għandu jkun ċar li din l-applikazzjoni m'għandhiex taffetwa t-triq li taghti ghall-bypass. Qal li jħoss li l-Kunsill f'dan l-istadju m'għandux informazzjoni biżżejjed biex jieħu deċiżjoni.

2.9 Is-Sindku talbet li tiġi sospiża l-laqgħa għal ftit ħin biex l–applikant iwieġeb il-mistoqsijiet tal-kunsilliera.

2.10 Il-Kunsillier Tabone ma qabilx li l-laqgħa tiġi sospiża.

2.11 Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill għal sospensjoni tal-laqgħa. Ivvutaw 7 favur u 3 kontra.

2.12 Il-laqgħa ġiet sospiża fit-19:40.

2.13 Il-laqgħa tkompliet fit-19:48.

2.14 Is-Sindku fakkret li fl-aħħar seduta ta' l-Awtorita' ta' l-ippjanar xi residenti li kienu preżenti ressqu l-proposti tagħhom, wara li kienu għamlu oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni, u li dawn il-proposti ġew milqugħa mill-applikant u inklużi fil-pjanti l-ġodda.

2.16 Il-Kunsillier A. Grima qal li hu jippreferi li l-ewwel ikun qed jimxi mal-liġi tal-pajjiż f'ċirkustanza bħal din qabel l-interessi tar-residenti, u dan b'kull rispett lejn ir-residenti.

2.17 Il-Kunsill għadda għall-vot. Il-Kunsillier A. Grima talab li jitniżżlu l-ismijiet ta' kif ser jivvutaw il-Kunsilliera.

2.18 Ivvutaw 7 favur, is-Sindku, il-ViċiSindku, il-Kunsilliera Fenech, Vella, Piscopo, D.Grima, u Bezzina. Vot wieħed kontra tal-Kunsillier A. Grima, u żewġ astensjonijiet tal-Kunsilliera Tabone u Bugeja.

## 3. TMIEM TAL-LAQGĦA

3.1 Il-laqgħa ntemmet fit-20:05

Graziella Galea
Sindku

Malcolm Agius
Segretarju Eżekuttiv